MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 861/2001/1

**Age Concern Company Limited**

**Vs**

**Iris Templeman**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mija u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm3,340.72), oltre l-imghax u l-ispejjes legali rapprezentanti f'bilanc ghall-akkomodazzjoni u servizzi ohra moghtija lill-konvenuta f'Central Home ta' Independence Avenue, Mosta minn Gunju 1999 sa l-24 ta' Lulju 2001 kif indikat u dikjarat f'statement ta' 24 ta' Lulju 2001 (Dok A u B).

Kif ukoll rat dawn id-dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-istess atti oltre ic-certifikat mediku anness, ukoll, a fol 4 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 26 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-dokument anness mal-avviz datat 24 ta' Lulju 2001 hu null u bla effett fil-Ligi stante li l-firma tal-konvenuta ma tottemperax ruhha mar-rekwisiti imposti mill-Ligi *ad validitatem* fir-rigward ta' persuna li mhiex kapaci li tiffirma;
2. Illi bla pregiudizzju, l-istess dokument hu null u bla effett stante li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b'qerq jew vjolenza da parti tas-socjeta attrici;
3. Illi bla pregudizzju ukoll, it-talba ghall-ammont mitlub bhala servigi u akkommodazzjoni hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni.
4. B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-konvenuta u bl-ispejjez.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta sottomissjonijiet tas-socjeta attrici (fol 76 et seq ibid) waqt li jinghad li ma gietx sottomessa nota responsiva da parti tal-konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Gaetano Bonnici</u> direttur tas-socjeta attrici (fol 20 u 29 et seq ibid) xehed illi permezz ta' ftehim bil-miktub esebit in atti a fol 22, is-socjeta' attrici kienet obbligat ruhha sabiex tipprovdi <u>akkomodazzjoni</u> fid-dar tal-anzjani hemm specifikata, liema obligazzoni kienet tinkludi s-servizzi specifikati fil-klawsola numru tlieta (3). Da parti taghha l-konvenuta kienet marbuta li thallas 'prezz' ossija 'price' ta' Lm10 kull jum pagabbli bil-quddiem kull xahar, liema 'prezz' kien soggett ghal zieda ta' 10% kull sentejn b'effett wara erba' gimghat minn pre-avviz moghti bil-miktub. Skond kif risultanti mix-xhieda tal-istess Gaetano Bonnici, dan il-pagament ma kienx qed jigi mhallas kollu izda 'in parte'. Difatti, fuq it-tieni faccata tal-istess ftehim fil-qiegh,

hemm dikjarazzjoni bil-miktub ffirmata mill-istess xhud u minn “M.Bonnici” aventi l-karta tal-identita numru 53656(M) u li tigi t-tifla tal-konvenuta minn fejn jidher li fid-data tad-29 ta’ Settembru 2000, kien hemm bilanc dovut ta’ Lm2376.39 (ara ghal kull bon fini, id-dokument a fol 24 ibid). Difatti il-konvenuta, avolja qatt ma kienet ilmentat dwar is-servizz moghti lilha, kienet waqfet il-pagamenti. Ciononostante, xorta wahda, is-socjeta attrici kompliet taghti s-servizzi miftehma lill-konvenuta. Dwar dan, it-tfal ta’ din kienu accertawh illi l-ammont kollu dovut kien ser jithallas “kif jinbiegh xi post taghhom” waqt li verbalment kien gie miftiehem illi l-istess tfal kienu disposti li jhallsu nofs l-ammont dovut mal-iskadenza ta’ kull xahar, liema pagamenti kienu qed jigu effettwati. Sussegwentement wara li kien sar inkontru iehor presenti t-tfal tal-konvenuta, Nutar mara u Avukat kien sar ftehim iehor bil-miktub iffirmat mill-konvenuta izda mhux mix-xhud u dan fl-24 ta’ Lulju 2001 f’liema skrittura, li tinsab esebita a fol 2 u fol 34, il-konvenuta ddikjarat illi l-ammont dovut fid-data li ghadha kemm issemmiet kien jammonta ghal Lm3340.72. Skond ix-xhud, dan il-ftehim kien sar wara li t-tabib Gino Bartolo kien iddikjara li l-konvenuta kienet “sana di mente’ u kapaci li tiffirma dokument bhal dak in esami u li tifhem il-konsegwenzi tal-istess dokument (ara fol 33 ibid). Ix-xhud semma’ illi l-konvenuta kienet qed tbati l-konsegwenzi ta’ ‘stroke’ (ara ic-certifikat mediku esebit in atti mill-konvenuta u li jinsab a fol 15 liema ‘stroke’ kien affettwalha n-naha tal-lemin ta’ gisimha u b’hekk kienet tiffirma b’idha x-xellugija. Inoltre, avolja b’certa tbatija, hi kienet xorta wahda tikkomunika u titkellem. Fl-ahharnett hu eskluda li kienet intuzat xi pressjoni jew vjolenza sabiex hi tiffirma din l-iskrittura jew xi forma ta’ qerq jew ingann. (ara x-xhieda ta’ Alfred Balzan a fol 36 et seq ibid, dik ta’ Doris Vella a fol 42 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-konvenuta, din xehdet (fol 57 et seq ibid) illi ma tistax tuza idha tal-lemin. Difatti hi, waqt l-istess xhieda, kienet iffirmat b’idha tax-xellug. B’referenza ghall-ftehim esebit a fol 2 u fol 34 tal-atti (ara supra) hi qalet li wahda mara kienet zammitli idi “sabiex tiffirmah”. Dwar l-

ammont in kwistjoni hi testwalment qalet illi "Naf li jiena llum irrid naghti xi flus lic-"Central Home" izda ma nafx kemm" u "Dakinhar li ffirmajt il-karta (dik a fol 2) …….. u cjoe il-karta kienu qrawieli. Jiena ghalhekk fhimt li kelli naghtihom il-flus". Fl-ahhar nett ghandu jinghad li din ix-xhud kienet wiegbet "ma nafx x'inhi" jew ma naghrafhiex' in rigward kull firma li giet murija lilha.

Illi xehdet it-tifla tal-konvenuta, Shirley Templeman (fol 48 u fol 62 et seq ibid) u din wara li accennat ghan-nuqqas fil-kwalita' tas-servizz, in rigward liema allegazzjoni ma saret l-ebda referenza fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minn ommha, kompliet biex tghid illi ma kienetx qed taghraf il-firma ta' ommha fuq id-dokument a fol 34 tal-atti. Pero' hi semmiet ukoll li, meta tkellmet ma ommha dwar dan id-dokument din "… kienet qaltli li kienu zammewlha ideha sabiex tiffirma sew" u dan b'referenza ghal Rita Abela. In rigward l-istess firma, ix-xhud esebiet prova (fol 68 ibid) ta' din u li kienet saret fil-presenza tal-istess xhud u l-Avukat difensur tal-konvenut. Ta' minn isemmi li l-istess xhud kienet ippromettiet li tesebixxi prospett "…. Dwar l-ilmenti u dwar dak li xhedt fuqu "u dwar l-ammont li skond hu ghadu dovut izda dan ma avverax ruhu". In kontro-esami, hi ammettiet li "kien hemm problema tal-flus ghalhekk ma konniex inhallsu regolarment" u kienet "zgur li hallasna aktar minn nofs il-kont" u difatti sostniet "…. Li ghadna naghtu nofs il-kont li gie presentat lilna ossija "…. Hallasna madwar sena' u fadal ghalhekk sena' li tithallas".

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kwistjoni jekk l-iskrittura a fol 2 u fol 34 tal-atti u li ggib id-data tal-24 ta' Lulju 2001, jigi rilevat illi l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ma jistghux jigu konsiderati minn din il-Qorti "per eccezzione" izda "per azione" billi tigi proposta kawza "ad hoc" li fiha tintalab id-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-istess skrittura a basi ta' dak li hu allegat fl-istess eccezzjonijiet vis-à-vis ir-rekwisiti tal-firma u n-nuqqas ta' kunsens tal-konvenuta minhabba qerq jew vjolanza.

Illi, pero', l-istess Qorti ma tistax ma tghidx, illi, avolja c-cirkostanzi li fiha iffirmat din l-iskrittura l-istess konvenuta ma tantx kien felici tenut kont tal-eta, l-istat ta' sahha taghha, ma ingiebet ebda prova a sodifazzjoni Taghha illi ntuzaw xi mezzi ta' qerq jew vjolenza fil-konfront tal-konvenuta li kienet ghazlet li tiffirma l-istess skrittura kif ukoll, del resto, ix-xhieda moghtija minnha waqt li dawn il-proceduri oltre li taghmel dik il-prova, kif di gja gie premess, li ma ghazlietx li tuza l'hekk imsejjah 'salib'. Jigi sottolineat illi l-konvenuta skond ma xehedet hi stess, kienet iffirmat billi mara aktarx Rita Abela kienet zammitilha idha x-xellugija sabiex tkun tista' taghmel dan. Inoltre hi, kif di gja gie citat, iffirmat l-istess skrittura wara li din giet moqrija lilha u b'hekk iffirmatha wara li fehmet li kelha taghti l-ammont ta' flus specifikati fl-istess skrittura.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar l-ammont allegatament dovut, jkun sufficjenti li ssir referenza ghal dak dikjarat bil-miktub u ffirmat minnu "M. Bonnici" it-tifla tal-konvenuta (ara fol 23 'in calce') ghad-dokument a fol 3, fol 24, fol 25 tal-atti kif ukoll ghax-xhieda tal-istess konvenuta u ta' bintha Shirley Templeman. Din tal-ahhar kienet xehedet illi "hallasna madwar sena' u fadal, ghalhekk, sena' li tithallas. A basi ta' dan u b'kalkolu semplici a bazi tal-klawsola tnejn (2), skond kif miftehma fit-23 ta' Gunju 1999 (ara fol 22) wiehed jista jasal sabiex jghid illi l-ammont specifikat u mitlub fl-avviz hu effettivament dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm3,340.72c bl-imghax legali, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jibda jiddekorri mid-data tallum stess sal-pagament effettiv. Inoltre in rigward l-ispejjes dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. B'riserva "si et quatenus" ta' kull dritt ta' azzjoni skond il-ligi favur il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------